**103. Il-Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar:

(i) l-Abbozz ta' Liġi msejjeħ "Att tal-1983 biex ikompli jemenda l-Att tal-1977 dwar l-Enemalta"; u

(ii) l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att tal-1983 biex ikompli jemenda l-Att tal-1975 dwar il-Korporazzjoni Telemalta".

1. Illi dawn l-Abbozzi ta' Liġi jistgħu jkunu eżenti mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern; u huma dikjarati urġenti, u d-diskussjoni fl-istadji tagħhom kollha tista' ssir f'seduta waħda.

2. Illi fis-seduta li fiha jkunu diskussi dawn l-Abbozzi ta' Liġi, jekk id-diskussjoni ma tkunx intemmet qabel, din id-diskussjoni għandha tieqaf fil-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, meta s-Sedja tqiegħed mingħajr diskussjoni, kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex tintemm il-proċedura kollha meħtieġa dwar l-istadji kollha ta' dawn l-Abbozzi ta' Liġi;

   iżda anke jekk ikun għadda il-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol, Ministru jista' jressaq emendi u klawsoli ġodda, li fuqhom titqiegħed il-mistoqsija mingħajr diskussjoni u Ministru jista' wkoll jitlob il-konsiderazzjoni mill-ġdid fil-Kumitat, fejn il-mistoqsija fuq emendi jew klawsoli ġodda titqiegħed mingħajr diskussjoni.

3. Illi jekk jintalbu votazzjonijiet, il-ħin ta' dawn il-votazzjonijiet, ma jiżdiedx mal-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol.

15.09.1983